MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2024

Appell Inferjuri Numru 21/2020 LM

**Kristinu Azzopardi (K.I. nru. 572150M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Emanuel Spagnol (K.I. nru. 353254M)** *('l-appellant')*;
**u Perit Simon Spiteri li ġie kjamat fil-kawża b'digriet tas-16 ta' Novembru, 2020**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Emanuel Spagnol (K.I. nru. 353254M)** [hawnhekk 'l-appellant'], minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tas-17 ta' Novembru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet fir-risposta tal-kjamat fil-kawża Simon Spiteri [hawnhekk 'il-

kjamat fil-kawża'] safejn kompatibbli mal-kumplament tad-deċiżjoni, u filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Emanuel Spagnol, laqgħet it-talba tal-attur Kristinu Azzopardi, u kkundannat lill-konvenut Spagnol iħallsu s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000), bl-imgħax u bl-ispejjeż kollha komprizi dawk tal-kjamat fil-kawża.

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors imressaq minnu quddiem l-Ewwel Qorti, l-attur talab li l-konvenut jiġi ordnat iħallsu s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) bħala rifużjoni ta' somma mħallsa lilu fuq skrittura datata t-12 ta' Frar, 2018, billi sat-12 t'Awwissu, 2019 ma kien ħareġ mill-Awtorità tal-Ippjanar l-ebda permess għal tibdil (*change of use*) minn *agricultural stores* għal użu kummerċjali ta' tliet garaxxijiet fi Triq Ħad-Dingli, ir-Rabat.

3. Emanuel Spagnol fir-risposta tiegħu wieġeb li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda, u żied jgħid li fl-ewwel lok kellu jissejjaħ fil-kawża l-Perit Simon Spiteri. Qal ukoll li t-talba tal-attur ma tistax tiġi milqugħa għaliex il-permessi msemmija fl-iskrittura tat-12 ta' Frar, 2018 ma setgħux joħorġu għal raġunijiet imputabbli lill-attur, u għalhekk qal li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

4. L-imsejjaħ fil-kawża l-Perit Simon Spiteri wieġeb li huwa ma ffirmax l-iskrittura tat-12 ta' Frar, 2018, li ġiet ippreżentata mill-attur mal-kawża. Kompla jgħid li minn din l-iskrittura għandu jidher ċar li l-partijiet kontraenti fuqha huma l-attur u l-konvenut, u l-konvenut m'għandu l-ebda prokura jew permess speċjali sabiex jidħol f'kuntratti għan-nom tal-imsejjaħ fil-kawża, jew xi tip ta'

awtorità li jagħmel wegħdi għan-nom tiegħu. Qal ukoll li l-konvenut huwa biss persuna li ġieli jirrappreżenta lill-kumpannija Arch Design Limited, li ġiet maħluqa biex isir xogħol ta' *design,* ippjanar, u applikazzjonijiet f'isem klijenti, u din il-kumpannija għandha l-periti li ssir kollaborazzjoni magħhom sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn ix-xogħlijiet. Qal li l-konvenut la huwa impjegat, u lanqas ma għandu xi kuntratt li jagħtih il-jedd li jidħol f'arranġament ma' terzi għan-nom tiegħu b'mod personali. Qal ukoll li huwa ma kienx jaf bil-ftehim li sar bejn il-partijiet, u la hu u lanqas il-kumpannija tiegħu ma qatt irċevew il-ħlas ta' sebat elef Euro (€7,000) sabiex issir din l-applikazzjoni. Spjega li huwa ġie inkarigat mill-attur u mill-konvenut, fejn ġie infurmat li l-attur xtaq jagħmel użu mis-servizzi tal-kumpannija Arch Design Limited, għaliex xtaq japplika għal bdil ta' permess (*change of use*) ta' tliet garaxxijiet minn *agricultural store* għal użu kummerċjali fi Triq Ħad-Dingli, ir-Rabat, u l-konvenut kien ser ikun qiegħed jieħu ħsieb din l-applikazzjoni. Qal ukoll li huwa ħa ħsieb idaħħal din l-applikazzjoni, li ma setgħetx timxi għaliex il-*fees* tal-Awtorità tal-Ippjanar baqgħu ma tħallsux, u għalhekk l-applikazzjoni waqgħet awtomatikament. In vista ta' dan, l-imsejjaħ fil-kawża talab lill-Qorti tiddijara li huwa m'għandu l-ebda responsabbilità fir-rigward tas-somma li qiegħda tiġi mitluba mir-attur, għaliex huwa qatt ma ffirma u qatt ma obbliga ruħhu li għandu jkun hemm rifużjoni ta' flus jew ta' xi tip ta' servizz jekk l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. Permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti mogħtija fis-17 ta' Novembru, 2022, il-Qorti ddeċidiet li għandha tilqa' l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-kjamat fil-kawża l-Perit Simon Spiteri safejn kompatibbli mal-kumplament tad-deċiżjoni,

ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Spagnol, u laqgħet it-talba tar-attur Kristinu Azzopardi, u ordnat lil Emanuel Spagnol iħallas lir-attur is-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) bl-imgħax kif mitlub u bl-ispejjeż tal-kawża, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidrat:***

*Il-Qorti sejra tibda biex tagħmel is-segwenti kostatazzjonijiet u osservazzjonijiet preliminari.*

*Mhux kontestat illi l-attur u l-konvenut iffirmaw dikjarazzjoni fit-12 ta' Frar, 2018 fejn il-konvenut intrabat f'ismu u f'isem Simon Spiteri, li jiksbu għall-attur permess għat-tibdil ta' użu ta' tliet garaxxijiet minn użu agrikolu għal użu kummerċjali sa mhux iktar tard minn żmien sena u nofs.*

*L-imsejjaħ fil-kawża, Simon Spiteri, jiċħad li huwa awtorizza lill-konvenut jiffirma din id-dikjarazzjoni għan-nom tiegħu u jisħaq li huwa qatt ma raha qabel u xehed hekk fir-rigward:-*

"... fil-fatt dak id-dokument li esebejtu li jiena la tajt permess u lanqas iffirmajt għax kieku tajt il-kunsens kont niffirmah, kif iffirmajt kull dokument ieħor."

*Bħala fatt, jirriżulta li l-permess li għalih l-attur ħallas is-somma ta' €7,000 baqa' ma nħariġx fi żmien sena u nofs kif stipolat fid-dikjarazzjoni ċioe, sal-aħħar ta' Awwissu 2019 u b'hekk, l-attur isostni li skatta l-obbligu tar-rifużjoni tal-ammont kollu li huwa ħallas fl-imsemmija somma ta' €7,000. Da parti tiegħu, il-konvenut jinsisti li dan ma ħariġx bi ħtija tal-attur innifsu li darbtejn waqqaf il-proċess tal-applikazzjoni.*

*Il-Qorti rat l-atti u l-provi u minnufih tosserva li kien ikun ferm utili kieku ġew sottomessi mir-rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar li xehed quddiemha (fn. 9 Jeremy Portelli, xhieda tal-20 ta' Ottubru, 2021), kopji tad-dokumenti relatati mal-applikazzjoni għat-tibdil ta' użu mertu ta' din il-kawża. Dan qed jingħad għaliex fid-data msemmija f'din ix-xhieda bħala d-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, 22 ta' Ottubru, 2019, hija inkonsistenti mal-kont maħruġ fil-5 ta' Settembru, 2019 mill-Awtorità tal-Ippjanar – esebit fl-atti tal-kawża mill-attur innifsu (fn. 10 dok. KA 2 – dan huwa l-istess dokument bħal dak sottomess minn Simon Spiteri Dok. SS4, fol. 93) – fejn l-attur intalab iħallas* development fee *u* environment fee *fis-somma totali ta' €5,655.00 abbażi tal-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa. Għall-Qorti hu ovvju li jekk il-kont bil-kalkolu tal-ispejjeż li kellhom jitħallsu lill-Awtorità għall-ipproċessar*

*tal-applikazzjoni, inħareġ fil-5 ta' Settembru, 2019, mhux possibbli li l-ewwel dokumenti sottomessi mill-perit għan-nom tal-applikant in konnessjoni ma' din l-applikazzjoni u li abbażi tagħhom jiġu komputati l-ispejjeż tal-ippjanar, ġew sottomessi għall-ewwel darba fit-22 ta' Ottubru, 2019.*

*Il-Qorti eżaminat id-dokumenti mehmużin mar-Risposta tal-imsejjaħ fil-kawża (Dok. 1) u tosserva dawn id-dokumenti filwaqt li jikkonċernaw applikazzjoni li saret minn Kristinu Azzopardi "*To sanction the change of use from fodder store to Class 6A storage and minor internal alterations", *fejn fit-22 ta' Ottubru, 2019 ġie sottomess* covering letter *flimkien ma' applikazzjoni, pjanti u dokumenti oħrajn, jirreferu għal case number (229813) kif ukoll sit (Kristinu Stores, Triq ir-Rabat, Dingli) li huma differenti minn dawk li għalihom jirreferu l-kont maħruġ mill-Awtorità fil-5 ta' Settembru, 2019. (fn. 11 Case number 222757: site @ Triq ir-Rabat l/o Ħad-Dingli).*

*Dan ifisser li ġew sottomessi żewġ applikazzjonijiet differenti għan-nom tal-attur in konnessjoni mat-tibdil ta' użu tal-proprjetà tal-attur fejn l-ewwel waħda, ippreżentata mill-Perit Giorgio Schembri (222757), ġiet irtirata fid-19 ta' Settembru, 2019 minħabba nuqqas ta' ħlas tal-kont (fn. 12 ara fol. 86A (Dok. SS1), filwaqt li dik tal-aħħar ġiet sottomessa mhux mill-Perit Giorgio Schembri, inkarigat mill-imsejjaħ fil-kawża, iżda mill-Perit Ċensu Galea (229813) ġiet irtirata fit-8 ta' Jannar, 2020. Evidentement, għalhekk, ir-rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar li xehed fl-20 ta' Ottubru, 2021, kien qiegħed jirreferi għat-tieni applikazzjoni bin-numru 229813, ippreżentata mhux bl-intervent tal-imsejjaħ fil-kawża u kien żbaljat meta qal li l-applikazzjoni tat-22 ta' Ottubru, 2019 ġiet sottomessa mill-Perit Giorgio Schembri.*

*Il-Qorti għalhekk ma tistax tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Jeremy Portelli in kwantu għad-data meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni għan-nom tal-attur, mertu ta' din il-kawża u tqis li għandha tagħti piż lix-xhieda tal-imsejjaħ fil-kawża u d-dokumenti sottomessi minnu (fn. 13 Dok. SS1, fol. 86), fejn jirriżulta li l-ewwel dokumenti b'rabta ma' din l-applikazzjoni ġew sottomessi lill-Awtorità fit-13 ta' Mejju, 2019 mill-Perit Giorgio Schembri.*

*Għaldaqstant, hu stabbilit mill-provi illi d-dokumenti marbutin mal-applikazzjoni msemmija fil-ftehim tat-12 ta' Frar, 2018, ġew sottomessi għall-ewwel darba lill-Awtorità tal-Ippjanar fit-13 ta' Mejju, 2019, filwaqt li l-applikazzjoni nnifisha, datata 2 ta' Settembru, 2019, ġiet irtirata mill-Awtorità fid-19 ta' Settembru, 2019 wara illi l-ħlas mitlub fil-kont minnha maħruġ fil-5 ta' Settembru, 2019 baqa' ma sarx.*

*Għalkemm, għalhekk, hu minnu li l-applikazzjoni ġiet sottomessa sena u tliet xhur wara l-ftehim, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-abbli avukat tal-attur fit-*

*trattazzjoni orali, l-applikazzjoni li dwarha tirreferi d-dikjarazzjoni tat-12 ta' Frar, 2018, ġiet sottomessa* ***qabel*** *l-għeluq tat-terminu stabbilit fl-istess skrittura.*

*Iżda l-Qorti ma taqbilx mat-teżi tal-konvenut illi l-applikazzjoni damet ħafna ma tiġi sottomessa għaliex l-attur kien waqqaf il-proċess. Hi fehmet illi għalkemm huwa minnu li l-attur ried flusu lura u ried iwaqqaf il-proċess wara madwar erba' xhur u nofs, dan kien proprju minħabba l-fatt li l-applikazzjoni kienet għadha ma ġietx sottomessa minkejja li kienu għaddew diversi xhur minn meta sar il-ftehim kif ukoll minn meta sar il-ħlas tal-ammont mitlub. Barra dan, il-konvenut xehed illi l-attur kien reġa' bidel fehemtu u ried ikompli bil-proċess biss tliet ġimgħat wara; għall-Qorti dan ifisser illi f'dak l-istadju ma kien hemm xejn x'iżomm l-applikazzjoni milli tiġi sottomessa mingħajr aktar dewmien u konsegwentement, jekk kien hemm dewmien ulterjuri, żgur li ma jistax jiġi attribwit lill-attur.*

*Stabbilit dan, jirriżulta li bħala fatt, il-permess għat-tibdil ta' użu ma kienx inħareġ sal-aħħar ta' Awwissu 2019 ċioe fi żmien sena u nofs kif stipolat fil-ftehim datat 12 ta' Frar, 2018 u dan mingħajr ma ġie muri li għal dan in-nuqqas jaħti l-attur. Kemm hu hekk, il-kont mill-Awtorità tal-Ippjanar inħareġ fil-5 ta' Settembru, 2019.*

*Ikkunsidrat;*

*Jirriżulta illi l-attur ħallas is-somma ta' €7,000 lill-konvenut permezz ta'* cheque *maħruġ fit-12 ta' Frar, 2018. Il-Qorti fehmet, għaliex temmen il-verżjoni tal-attur, illi dan iċ-cheque ingħata lill-konvenut mingħajr ma kien tniżżel dak il-ħin l-isem tal-persuna li kellu jirċievi l-ħlas u fehmet ukoll illi l-isem ta' Simon Spiteri nkiteb mill-konvenut. Fil-fatt, jirriżulta li Simon Spiteri irċieva dan iċ-*cheque *u sarrfu huwa stess fit-23 ta' Frar, 2018.*

*Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi mhijiex konvinta bil-verżjoni tal-konvenut fir-rigward u tqis li din hija fjakka u nieqsa minn kredibbilità. Tosserva wkoll illi għalkemm il-konvenut inizjalment ċaħad li huwa rċieva xi parti minn din is-somma ta' €7,000 u sussegwentement, meta xehed in kontro-eżami, ma setax jiftakar jekk effettivament Simon Spitieri kien tah lura parti minn din is-somma, din il-verżjoni ġiet kontradetta mill-istess Simon Spiteri li ddikjara illi huwa kien ta lura lill-konvenut is-somma ta' €4,200 mis-somma oriġinali meta l-applikazzjoni kienet ġiet irtirata u dan għaliex ix-xogħol li kien oriġinarjament previst li jsir in konnessjoni mal-ħruġ tal-permess, ma kienx sar kollu.*

*Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Simon Spiteri u mid-dokument minnu esebit (fn. 14 dok. SS2, fol. 88), illi għax-xogħol li ġie inkarigat iwettaq għan-nom tal-attur huwa talab dritt fis-somma ta' €5,800 u illi l-ammont ta' €7,000 imħallas mill-attur u mgħoddi lilu mill-konvenut, ma kienx intiż biex ikopri biss id-dritt tiegħu in konnessjoni mal-*

*applikazzjoni li kellu jiġi sottomess għan-nom tal-attur, iżda wkoll ħlasijiet oħrajn dovuti fuq applikazzjonijiet ta' klijenti oħrajn li ġew introdotti lilu mill-konvenut. Il-konvenut ma ċaħadx din il-verżjoni.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti, wara li fliet l-atti u l-provi, tqis illi minkejja li fid-dikjarazzjoni tat-12 ta' Frar, 2018, kien hemm imniżżel li l-konvenut irċieva "f'ismu u f'isem il-perit Simon Spiteri" is-somma ta' €7,000 mingħand l-attur, huwa ma seħħlux jipprova li fir-rapport kuntrattwali li nħoloq mal-attur permezz tal-iffirmar tal-ftehim datat 12 ta' Frar, 2018, huwa kellu mandat mingħand Simon Spiteri biex jaġixxi għan-nom u in rappreżentanza tiegħu bħala mandatarju jew aġent tiegħu.*

*Il-mandat, jew il-prokura, huwa regolat bl-Artikoli 1856 sa 1890 tal-Kodiċi Ċivili. Dan huwa kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha (fn. 15 artikolu 1856(1) tal-Kap. 16), u jista' jkun speċjali, jekk ingħata għal ħaġa waħda jew għal xi ħwejjeġ determinanti biss, jew ġenerali, jekk jingħata għall-affarijiet kollha tal-mandat. (fn. 16 Art. 1862 tal-Kap. 16).*

*Huwa minnu li l-Artikolu 1857 jistipola:-*

"(2) Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, jew b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament."

*Iżda f'kull każ, l-eżistenza tal-mandat trid tiġi ppruvata sal-grad rikjest bil-Liġi, u li dan il-mandat ingħata espressament.*

*Fis-sentenza **Romeo Fleri v Nutar Francis Xavier Dingli** (fn. 17 Appell Ċivili deċiż fis-17 ta' Mejju, 1963), il-Qorti rriteniet li għalkemm il-mandat jista' jingħata taċitament, "*element essenzjali tal-mandat taċitu hi x-xjenza u l-konsapevolezza tas-suespost mandat li affari li jinteressah ġie intrapriż minn ħaddieħor ..."

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Avv. Michael Psaila nomine vs Joseph Pace et** ingħad li bħala punt ta' dritt:-*

*"*... m'hemmx kwestjoni li min jallega l-eżistenza tal-mandat għandu l-oneru fuqu li jipprovah" *(fn. 18 ara wkoll in propositu **Ethel Farrugia vs Albert von Brockdorff noe**, Appell Kummerċjali, 5 ta' Frar, 1971; **George Debono noe vs Edgar Pugliesevich noe**, Appell Kummerċjali, 9 ta' April, 1976).*

*Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-eżistenza tal-mandat hu miċħud kategorikament mill-allegat mandant, l-imsejjaħ fil-kawża, u f'kull każ ma nġabitx prova konvinċenti li l-konvenut kien awtorizzat jikkuntratta b'mod ġenerali għan-nom tal-istess Simon Spiteri jew li l-konvenut ingħata xi mandat biex jassumi f'ismu l-*

*obbligu speċifiku li jrodd lura lill-attur is-somma ta' €7,000 f'każ li l-permess ma jinħariġx fi żmien sena u nofs. Fil-fatt, jirriżulta mill-provi illi Simon Spiteri talab u rċieva biss is-somma ta' €5,800 in konnessjoni mal-applikazzjoni li kellha tiġi sottomessa għan-nom tal-attur.*

*Filwaqt li mill-ġabra tax-xhieda u l-provi l-Qorti fehmet li l-attur tassew inkariga lil Simon Spiteri biex jissottometti l-applikazzjoni biex jibdel l-użu tal-maħżen tiegħu u biex jaħdem il-proċess għall-ħruġ tal-permess (fn. 19 il-fatt li l-attur għadda lil Simon Spiteri l-oriġinal tal-permess u l-fatt li l-istess Simon Spiteri mar fuq il-post darbtejn, ifisser li huwa ġie inkarigat mill-attur biex jissottometti l-applikazzjoni għat-tibdil), u filwaqt li huwa ppruvat ukoll li Simon Spiteri kien indika huwa stess lill-attur żmien prospettiv ta' sena u nofs għall-ħruġ tal-permess,* ***la m'huwa ppruvat li Simon Spiteri approva sewwasew l-istipolazzjonijiet espressi li saru fid-dikjarazzjoni tat-12 ta' Frar, 2018 u lanqas ġie ppruvat li huwa awtorizza lill-konvenut biex jikkuntratta mal-attur u għan-nom tiegħu u jassumi f'ismu a favur tal-attur l-obbligazzjonijiet hemm stipulati.***

*Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza fl-ismijiet* ***Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima*** *deċiża fit-30 ta' April, 1992:-*

"Illi hija ħaġa minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, **sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkuntratta f'isem ħaddieħor."** (*enfasi ta' din il-Qorti)*

*Naturalment, il-piż tal-prova lil min ikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor, tinkombi fuq min jagħmel din l-allegazzjoni, u f'dan il-każ il-Qorti ma tħossx li l-konvenut, rinfaċċjat biċ-ċaħda espressa ta' Simon Spiteri, issodisfa dan l-oneru ta' prova.*

*Wara li rat l-atti u x-xhieda, hija l-fehma tal-Qorti illi f'dan kollu l-konvenut aġixxa bħala speċi ta' sensar fejn kien ilaqqa' ma' Simon Spiteri applikanti ossia klijenti prospettivi kontra l-ħlas ta' forma ta' senserija jew* commission, *anzicche' bħala mandatarju jew aġent tal-imsejjaħ fil-kawża. F'dan l-isfond, m'hija xejn affattu konvinta li l-imsejjaħ fil-kawża jista' jitqies li huwa marbut bl-obbligazzjoni li jikseb għall-attur il-ħruġ tal-permess strettament fit-terminu stipolat fid-dikjarazzjoni u lanqas li jirrifondi lill-attur is-somma totali ta' €7,000 jekk il-permess ma jinħariġx sa għeluq dan it-terminu.*

*Il-fatt illi Simon Spiteri tassew ġie inkarigat mill-attur biex jissottometti applikazzjoni għan-nom tiegħu, u irċieva wkoll tramite l-konvenut is-somma sħiħa ta' €7,000 imħallsa mill-attur, mhijiex prova li huwa ħatar lill-konvenut bħala l-aġent tiegħu fil-*

*ftehim mal-attur. Il-Qorti fehmet ukoll mill-ġabra tal-provi illi kien il-konvenut u mhux Simon Spiteri li talab lill-attur iħallas is-somma ta' €7,000 u hija konvinta wkoll illi l-attur ma kienx mgħarraf li d-dritt ta' Simon Spiteri waħdu kien jammonta għal €5,800. (fn. 20 li d-dritt ta' Simon Spiteri kien ta' €5,800 u mhux ta' €7,000 jirriżulta wkoll mid-dokument Dok. SS2). Għalkemm hu stabbilit illi l-konvenut tassew għadda lil Simon Spiteri l-imsemmija somma fl-intier tagħha, din kienet maħsuba biex tkopri mhux biss id-dritt dovut lil Simon Spiteri fuq l-applikazzjoni tal-attur (fis-somma ta' €5,800) iżda wkoll id-dritt dovut lilu in konnessjoni ma' applikazzjonijiet ta' terzi persuni.*

*Simon Spiteri xehed hekk fir-rigward:*

"Iċ-ċekk sarraftu jien imma l-ħlas ma jkunx kollu ta' applikazzjoni waħda, dan Mr Spagnol ġabar il-flus u tani ċekk li jkopri u għandi lista ta' applikazzjonijiet oħra, dan kien parti minn dak il-ħlas, din il-karta ... hija prodotta minn Mr Spagnol li tiddokumenta bl-eżatt xi ħlas għamilt jiena u xi ħlas ħadt jiena."

*Dan ikompli jikkonvinċi lill-Qorti li Simon Spiteri ma kienx fil-fatt awtorizza lill-konvenut jiġbor is-somma ta' €7,000 speċifikament mingħand l-attur u għalhekk tqis illi l-konvenut ma kellux mandat, la bil-fomm u lanqas taċitament, li jiffirma d-dikjarazzjoni tat-12 ta' Frar, 2018 f'isem l-imsejjaħ fil-kawża u b'hekk jorbot lilu għar-rifużjoni sħiħa ta' din is-somma fl-eventwalità li l-permess ma jinħariġx fit-terminu stipulat. Magħdud dan li l-Qorti tistenna li kieku l-fatti kienu kif jikkontendi l-konvenut, Simon Spiteri ma kienx iħalli iktar minn sena tgħaddi qabel issottometta l-applikazzjoni għan-nom tal-attur.*

*Il-fatti juru illi l-attur, bl-intervent tal-konvenut, aċċetta li jinkariga lil Simon Spiteri biex jikseb għan-nom tiegħu l-permess in diżamina, u għadda lill-istess konvenut is-somma ta' €7,000 bil-patt espress milħuq mal-istess konvenut illi bil-ħlas ta' din is-somma, jinħareġ il-permess għat-tibdil stipolat fi żmien sena u nofs, taħt l-obbligu li fin-nuqqas, is-somma kollha tintradd lura lill-attur.*

*Huwa evidenti li ma saret ebda riżerva fid-dikjarazzjoni ffirmata mill-konvenut, fis-sens li t-terminu miftiehem ikun sospiż jew l-obbligu ta' rifużjoni ma jidħolx fis-seħħ f'każ li ma jiġux imħallsin mill-attur xi spejjeż addizzjonali lill-Awtorità tal-Ippjanar jew lil entità jew persuni oħrajn. Tassew l-obbligu assunt mill-konvenut għar-rifużjoni tas-somma sħiħa ma jidher li hi soġġetta għal ebda kundizzjoni kwalsiasi ħlief li dan jiskatta hekk kif il-permess ma jinħariġx fi żmien sena u nofs: terminu li fin-nuqqas ta' ebda stipolazzjoni kuntrarja, il-Qorti fehmet li kellu jibda jiddekorri mid-data tal-ftehim u mhux mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni jew mid-data tal-ħlas tal-flus.*

*Il-Qorti tqis illi l-konvenut, li nnegozja huwa stess it-termini tal-ftehim mal-attur u ntrabat li jirrifondi lill-attur is-somma intera lilu mħallsa fin-nuqqas li jiġi osservat it-terminu stabbilit, ma jistax jinħeles minn dan l-obbligu billi jinvoka riservi, tifsiriet u kundizzjonijiet li ma ġewx espressament maqbula bejn il-partijiet. Ma jista' jagħmel dan lanqas billi jipponta subgħajh lejn Simon Spiteri meta kif stabbilit, ma ġiex ippruvat li Simon Spiteri innegozja direttament mal-attur fit-tfassil tal-ftehim bil-miktub tat-12 ta' Frar, 2018 jew awtorizza lill-konvenut jintrabat f'ismu bit-termini espressament maqbula fl-istess dikjarazzjoni.*

*Il-fatt li l-konvenut seta' ma kienx jaf li Simon Spiteri m'għandux* warrant *biex jipprattika bħala perit f'Malta huwa immaterjali għall-*vexata quaestio *li għandha quddiemha din il-Qorti. Il-Qorti tqis ukoll illi kwalsiasi ftehim li seta' kien hemm bejn il-konvenut u Simon Spiteri huwa* res inter alios acta *għall-attur, li kkuntratta mal-konvenut biss fuq it-termini espressament maqbula fil-ftehim tat-12 ta' Frar, 2018. Dan ifisser illi l-pendenzi li jista' jkollhom bejniethom il-konvenut u Simon Spiteri ma jifformawx parti mill-kontroversja li għandha quddiemha l-Qorti. Kontroversja li l-parametri tagħha huma stabbiliti mid-domanda kif imfassla fir-Rikors promutur u l-eċċezzjonijiet li huma intiżi biex jopponu u jilqgħu għal dik id-domanda.*

*Stabbilit li hemm konvenzjoni bejn l-attur u l-konvenut, li minnha l-obbligu ta' rifużjoni jifforma parti integrali, din għandha tiġi osservata għaliex hija l-espressjoni manifesta tal-volontà tal-partijiet:* pacta sunt servanda. *Kif inhuwa ritenut b'mod paċifiku fil-ġurisprudenza in materja, il-prinċipji fondamentali u regolamentari fil-liġi tal-kuntratti:-*

"jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda." *(fn. 21 Qorti tal-Appell – 5 ta' Ottubru, 1998 – Gloria mart Jonathan Beacom et vs l-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines)*

*Kif ġie ritenut ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Francis Paris et vs Maltacom plc*** *(fn. 22 Deċiża 7 ta' Ottubru, 2004):-*

"Dan hu konformi mal-prinċipju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu preżunt li qabel ma jiffirmaw dak il-ftehim qiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-interessi tagħhom, u **allura darba ffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi prinċipju ieħor, ancorche' bażat fuq l-ekwità**. Il-prinċipju tar-rispett għal volontà tal-partijiet huwa wieħed fondamentali u **dak li ftiehmu fuqu l-partijiet għandu "forza ta' liġi" għalihom** (artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili), u l-Qorti m'għandhiex tuża d-diskrezzjoni

tagħha biex tissostitwixxi għal dak li ftiehmu l-partijiet il-volontà tagħha". *(enfasi ta' din il-Qorti)*

*Il-Qorti tal-Appell (Inf.) elenkat elokwentement il-prinċipji regolanti in materja tal-interpretazzjoni tal-kuntratti fis-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Bugeja et vs Geoffrey Camilleri*** *(fn. 23 Deċiża nhar id-29 ta' Marzu, 2012), fosthom:-*

"... (ii) Ir-regola fondamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li meta l-kliem tal-kuntratt meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar mhemmx lok għall-interpretazzjoni (Vol. XXXIV.i.p. 27) fejn ingħad li "**l-interpretazzjoni għandha tittieħed mill-atti nnifsu u mhux minn provi estraneji,** speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva għall-kwistjoni prinċipali."

iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher ċar mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni ... Irid jirriżulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun, jista' biss jiġi interpretat b'mod univoku għax hu ċar. **Irid jirriżulta ukoll li dan is-sens ċar tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'moħħhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi waħda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt meħudin flimkien ...**

iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni, mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jagħtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "**hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot ...**" (*enfasi ta' din il-Qorti)*

*Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti taqbel li d-dikjarazzjoni ffirmata mill-konvenut ġiet imfassla b'termini ferm ġeneriċi u vagi, iżda mhux kompitu tagħha li tispekola u tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-partijiet kif manifestata fl-iskrittura ffirmata minnhom. Wara kollox, il-prinċipju ta' interpretazzjoni ta' kuntratti '*contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non fertur'*, huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza in materja u għalhekk, mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diġà ċar (fn. 24 Joseph Gatt vs Joseph Galea, Appell Ċivili, deċiż fl-14 ta' April, 1975) u l-kontraenti ma jistgħux jippruvaw permezz ta' testimoni dak li ma jirriżultax, jew jirriżulta eskluż, mill-istess kuntratt. (fn. 25 Gemma Fenech vs John Bugeja – Appell deċiż fl-20 ta' Ottubru, 2003). Il-Qorti tistenna illi l-partijiet iniżżlu fil-ftehim il-pattijiet kollha rilevanti li jkunu ġew negozjati bejniethom u għalhekk, fin-nuqqas ta' stipolazzjoni espressa fil-ftehim tat-12 ta' Frar, 2018, ma tistax tagħti fejda lill-allegazzjoni tal-konvenut illi huwa kien ftiehem mal-attur dakinhar stess illi jekk jiddeċiedi ma jkomplix bil-proċess għall-ħruġ tal-permess, jitlef id-dritt li jieħu lura l-*

*flus li jkun ħallas. Wara kollox, hi preżunzjoni* "loġika u ġuridika" *(fn. 26* ***Aquilina noe vs Portelli****, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru, 2005) li meta l-partijiet ikunu ftiehmu li jinkorporaw ftehim ta' bejniethom f'kitba, huma jkunu niżżlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva dak kollu li jkunu ftiehmu fuqu.*

*Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Clive Simpson noe vs John Saliba noe*** *(fn. 27 deċiża fit-22 ta' Ġunju, 2004) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk in propositu:*

"... huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn żvolġew. **Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, ikun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat** (ara **Frendo *vs* Caruana**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Jannar, 1999). Kwindi, fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħhom il-partijiet (ara **Brincat vs Saliba**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru, 1983)." (*enfasi ta' din il-Qorti)*

*B'applikazzjoni tal-insenjament fuq ċitat, u minn qari tad-dikjarazzjoni fl-intier tagħha, hija l-fehma tal-Qorti li l-kliem tal-konvenzjoni bejn il-partijiet huwa inekwivoku u ma jeżisti ebda dubju kwalsiasi dwar l-obbligu li ġie assunt mill-konvenut. M'hemm xejn fl-atti u fil-provi li d-dikjarazzjoni in diżamina ġiet iffirmata mill-konvenut għaliex kien imġiegħel jaċċetta t-termini hemm stipolati u mingħajr il-konoxxenza u aċċettazzjoni pjena tal-pattijiet konvenzjonali stipolati fiha.*

*Għalhekk, ma hemm l-ebda lok għal xi aċċettazzjoni li tmur lil hinn mill-kliem ċar u univoku tal-konvenzjoni u billi huwa stabbilit illi avverat ruħha l-kondizzjoni li tiskatta l-obbligu tar-rifużjoni, għaliex it-tibdil tal-użu ma seħħx fi żmien sena u nofs, il-konvenut huwa marbut li jirrifondi s-somma sħiħa lill-attur.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi hija konvinta wkoll illi Simon Spiteri radd lura lill-konvenut, li mingħandu kien irċieva l-flus li ħallas l-attur, is-somma ta' €4,200 li jfisser li mis-somma ta' €7,000, Simon Spiteri żamm għalih is-somma ta' €2,800 filwaqt li l-konvenut żamm għalih xejn inqas minn €4,200. Il-konvenut ma kienx konvinċenti meta ċaħad li Simon Spiteri raddlu lura parti mis-somma ta' €7,000 li kien għaddielu u l-Qorti tosserva illi huwa baqa' ma ċaħadx illi d-dokument prodott minn Simon Spiteri, b'elenku tal-ammonti li kienu dovuti lil xulxin fuq applikazzjonijiet ta' diversi persuni oħrajn, kien tassew kompilat minnu.*

*Id-domanda attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €7,000 hija msejsa espressament fuq il-kundizzjonijiet tad-dikjarazzjoni tat-12 ta' Frar, 2018, dikjarazzjoni li kif diġà stabbilit, ma torbotx lil Simon Spiteri iżda unikament lill-konvenut. Iżda huwa minnu wkoll illi l-attur inkariga lil Simon Spiteri biex japplika għall-permess mixtieq minnu u li l-istess Simon Spiteri ġie msejjaħ biex iwieġeb għat-talba tal-attur. Għall-Qorti dan ifisser li Simon Spiteri ma jistax jirrispondi għat-talba tal-attur in kwantu hija msejsa fuq id-dikjarazzjoni tat-12 ta' Frar, 2018, iżda jista' jwieġeb biss għat-talba tal-attur in kwantu l-kawżali tat-talba tirreferi għall-inkarigu li ngħata Simon Spiteri biex japplika għall-ħruġ tal-permess għat-tibdil ta' użu tal-proprjetà tiegħu.*

*Fir-rigward il-Qorti tfakkar li fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha, anke jekk it-talba mfissra fir-Rikors promutur ma tiġix ippruvata, hija tista' tiddeċiedi fuq jedd ieħor li jiġi ppruvat għalkemm dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali kif imfisser fl-att promotur tal-azzjoni. (fn. 28 Artikolu 213 tal-Kap. 12). Tqis għaldaqstant illi anke jekk il-jedd għar-rifużjoni bbażat fuq id-dikjarazzjoni tat-12 ta' Frar, 2018, ma jiġix ipprovat fil-konfront tal-kjamat fil-kawża, xejn ma josta li l-Qorti tiddeċiedi fuq jedd ieħor li jista' talvolta jiġi ppruvat mill-provi mressqin quddiemha, anke jekk dan il-jedd l-ieħor huwa ta' indoli jew għandu bażi ġuridika differenti minn dak imfisser espressament fl-att li jipproponi jew li jfisser aħjar l-azzjoni.*

*Madanakollu, fil-fehma tal-Qorti l-attur ma rnexxilux jipprova li Simon Spiteri għandu xi obbligu li jirrifondi s-somma ta' €7,000 lill-attur. Kif stabbilit, filwaqt li hu minnu li l-imsejjaħ fil-kawża rċieva l-imsemmija somma mingħand l-attur u huwa minnu wkoll li l-applikazzjoni ġiet irtirata mill-Awtorità tal-Ippjanar minħabba nuqqas ta' ħlas mill-applikant għall-ispejjeż tal-ippjanar, huwa ppruvat li l-applikazzjoni kienet ġiet effettivament sottomessa. Inoltre, ma ġiex ippruvat sodisfaċentement illi intlaħaq ftehim direttament u speċifikament bejn l-attur u l-imsejjaħ fil-kawża li s-somma ta' €7,000 kellha tkopri l-ispejjeż* ***kollha****, kompriż id-dritt tal-perit u l-ispejjeż tal-ippjanar u li ma kien hemm xejn iktar dovut mill-attur fuq din l-applikazzjoni, fosthom għall-ipproċessar tal-applikazzjoni.*

*Il-Qorti tqis illi kollox magħdud, l-attur ma weriex sodisfaċentement illi għandu jedd fil-konfront tal-imsejjaħ fil-kawża, għar-radd lura tas-somma sħiħa li huwa ħallas in konnessjoni ma' din l-applikazzjoni u diġà ġie stabbilit illi Simon Spiteri kien intrabat personalment jew tramite l-konvenut, għall-obbligi stipolati fid-dikjarazzjoni tat-12 ta' Frar, 2018 fosthom it-terminu ta' żmien stabbilit għall-ħruġ tal-permess.*

*Kif rajna, l-applikazzjoni ġiet sottomessa u ma ġietx proċessata minħabba nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż tal-ippjanar iżda mingħajr prova li ġie maqbul illi bħala parti mill-inkarigu mogħti lill-imsejjaħ fil-kawża, dawn l-ispejjeż kellhom jitħallsu direttament*

*minn Simon Spiteri mis-somma ta' €7,000 li ħareġ l-attur. Ir-riżultanzi tal-provi juru illi l-imsejjaħ fil-kawża ssottometta l-applikazzjoni mingħajr ma kien marbut b'xi żmien definit taħt xi kundizzjoni, u mingħajr ma ngħata struzzjonijiet li l-ispejjeż tal-ippjanar kellhom jitħallsu mill-ammont li ħareġ l-attur. Għandu jingħad ukoll mill-provi li ressaq l-attur quddiem il-Qorti, ma ntwerietx li s-somma miżmuma mill-imsejjaħ fil-kawża biex tkopri d-dritt tiegħu għall-prestazzjonijiet reżi minnu in konnessjoni mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, hija esaġerata jew mhijiex waħda ġusta.*

*Fir-rigward, Simon Spiteri xehed hekk:-*

"Fil-fatt jien tajtu l-flus lura u dik tipprova dik il-karta li tajtu l-flus lura, għax meta s-Sur Azzopardi qalilna isma' jiena waqaft s'hawn, għidtlu jiena nitħallas tal-pjanti mhux se nitħallas tal-proċess kollu għax il-proċess kollu m'għamiltux u tajtu, hemm refund hemmhekk imniżżel ta' €4,200 ...

....

Issa jiena minn dawk żammejt €1,800 tal-ispejjeż, il-bqija la m'għamiltx il-proċess kollu biex joħroġ il-permess, tajthomlu lura."

*Fi kwalsiasi każ, mill-kumpless tax-xhieda, il-Qorti temmen lill-imsejjaħ fil-kawża li l-konvenut għaddielu ċ-cheque ta' €7,000 maħruġ mill-attur, mhux biss biex ikopri d-dritt tiegħu fuq l-applikazzjoni tal-istess attur, iżda għal applikazzjonijiet ta' terzi persuni, u temmnu wkoll fejn huwa ddikjara li huwa kien radd lura lill-konvenut is-somma ta' €4,200 – verżjoni li ma ġietx kontradetta u lanqas miċħuda mill-konvenut.* ***Minn dan hu ovvju li l-konvenut mhux biss applika ħażin il-fondi li ħallas l-attur għaliex ma użahomx skont kif ġie speċifikat u maqbul fil-ftehim tat-12 ta' Frar, 2018, iżda huwa marbut li jirrifondi lill-attur is-somma sħiħa li huwa ħallas in konnessjoni mal-applikazzjoni għall-permess skont kif del resto obbliga ruħhu li jagħmel, u dan irrispettivament minn kull konsiderazzjoni dwar l-ammont li seta' effettivament żamm għalih l-imsejjaħ fil-kawża mis-somma sħiħa trasmessa lilu.***

***Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-imsejjaħ fil-kawża SIMON SPITERI safejn dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut EMANUEL SPAGNOL, tilqa' t-talba tal-attur KRISTINU AZZOPARDI u tikkundanna lil EMANUEL SPAGNOL iħallsu s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) għar-raġuni indikata fir-Rikors promutur, bl-imgħax kif mitlub u bl-ispejjeż kollha kompriżi dawk tal-kjamat fil-kawża, jitħalsu mill-istess konvenut Emanuel Spagnol."***

**L-Appell**

6. Il-konvenut Emanuel Spagnol ressaq l-appell tiegħu mis-sentenza appellata permezz ta' rikors tal-appell datat is-6 ta' Diċembru, 2022, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell, u jew tiċħad it-talba tal-attur, jew inkella f'każ li tagħżel li tilqagħha, tilqagħha biss fil-konfront ta' Simon Spiteri.

7. L-appellant Emanuel Spagnol beda biex qal li l-proċeduri odjerni nbdew minn Kristinu Azzopardi, fejn talbu ir-rifużjoni tas-somma ta' €7,000 imħallsa lilu skont l-iskrittura tat-12 ta' Frar, 2018, wara li ma kienx inħareġ il-permess. Qal li sehmu f'dan kollu kien li huwa ġabar il-flus biex jgħaddihom lil Simon Spiteri, biex ikun jista' jagħmel l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. L-appellant qal li wara kien irriżultalu li Spiteri ma kien perit xejn. Qal li Spiteri ssejjaħ fil-kawża u daħħal risposta, iżda dan rari kien jattendi għas-seduti quddiem l-Ewwel Qorti, u ma kienx preżenti waqt it-trattazzjoni. Qal li l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża billi laqgħet it-talbiet tal-attur u kkundannat lilu waħdu jħallas is-somma mitluba, iżda huwa jħossu aggravat minħabba l-mod kif l-Ewwel Qorti kkonsidrat il-fatti u l-prinċipji legali applikabbli għall-każ. L-appellant qal li fil-ftehim m'hemm xejn li jindika li t-tariffi tal-Awtorità tal-Ippjanar kienu inklużi fil-ħlas li sar, u żied jgħid li huwa ma setax jinkludi tali tariffi għaliex it-tariffi tal-Awtorità tal-Ippjanar ma jistgħux jiġu determinati minn qabel. Qal li Kristinu Azzopardi għalhekk ma kienx korrett meta qal li huwa kellu jħallas €7,000 u daqshekk. Qal li jekk wieħed jara l-kont tal-Awtorità tal-Ippjanar jifhem li l-argumentazzjoni ta' Azzopardi f'dan ir-rigward ma tagħmilx sens, għaliex ikun ifisser li s-somma kollha mħallsa minnu kienet ser tmur f'tariffi tal-Awtorità tal-Ippjanar, filwaqt li l-Perit Spiter kien ser jibqa' b'xejn.

Qal ukoll li kien tort ta' Azzopardi li l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar baqa' ma ħariġx, għaliex dan irrifjuta li jobdi l-ordnijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, li kienu essenzjali biex joħroġ il-permess mitlub.

8. L-appellant qal li anki Simon Spiteri naqas milli jgħid il-verità f'tentattiv biex iżomm il-flus li tħallsu lilu, u dan dejjem ippreżenta ruħhu bħala perit u dejjem tah l-impressjoni li kellu l-kwalifiki neċessarji sabiex jissottometti applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar. Qal li kien biss maż-żmien li huwa sar jaf li Spiteri ma kien perit xejn, iżda kien qiegħed biss jippreżenta lilu nnifsu bħala tali, imbagħad kien jgħaddi x-xogħol lil Perit kwalifikat. Qal li huwa ħadem *in buona fede* u afda lil Spiteri, imma dan qarraq bih.

9. L-appellant qal li ċ-ċekk oriġinali inħareġ fuq Simon Spiteri, kif jirriżulta miċ-ċekk innifsu, u dan għaliex huwa kien taħt l-impressjoni li Spiteri kien perit, u li kien hu li kellu jieħu ħsieb l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. Qal li min-naħa tiegħu huwa kien sempliċiment interlokutur bejn Azzopardi u Spiteri li kellu jwettaq l-inkarigu, għaliex min-naħa tiegħu huwa m'għandux il-kompetenza professjonali biex jagħmel dan.

10. L-appellant qal li Spiteri allega li kien raddlu lura €4,200, iżda Spiteri ma qalx il-verità, u dan ma ġab l-ebda prova quddiem l-Ewwel Qorti li dan il-ħlas kien verament sar. Qal li ladarba Spiteri għamel din l-asserzjoni, kien jimkombi fuqu li jippruvaha, u l-Ewwel Qorti ma kellhiex taċċetta din l-asserzjoni meta ma nġabet l-ebda prova ta' dan. L-appellant qal li hemm punt ieħor ta' kredibbilità li ukoll ġie injorat mill-Ewwel Qorti. Spjega li Spiteri kien jaf li Azzopardi kien irrabjat għall-fatt li l-permess li applika għalih baqa' ma nħariġx, u quddiem sitwazzjoni bħal din huwa raġonevoli li persuna tipprova tipproteġi ruħha billi

tgħaddi l-flus direttament lill-applikant, u mhux tħallihom ma' terzi. Żied jgħid li ma jagħmilx sens li persuna li tirċievi ilmenti dwar inkarigu li ġie mogħti lilha, issolvi l-problema billi tgħaddi l-flus lil terzi. L-appellant qal li Spiteri la ġab prova li ħallas lura €4,200, u lanqas ma wera li verament żamm €1,800 għalih. Qal ukoll li meta beda jagħti dawn iċ-ċifri, Spiteri tgerfex għaliex €4,200 u €1,800 jagħmlu €6,000 u mhux €7,000. Qal li l-Ewwel Qorti ma ntebħitx bid-diskrepanzi ta' Spiteri fiċ-ċifri mogħtija minnu, u spiċċat emmnitu.

11. L-appellant qal li t-taħwid fil-verżjoni ta' Spiteri jirrifletti t-taħwid li huwa jagħti pubblikament dwar x'inhi verament il-professjoni tiegħu, u jekk huwa kien il-persuna li suppost ħa ħsieb l-applikazzjoni, għandu jkun hu bħala professjonist li jwieġeb għal dan in-nuqqas. Qal li ladarba l-Ewwel Qorti sabet li Azzopardi verament kien inkariga lil Spiteri biex jissottometti l-applikazzjoni, huwa evidenti li nħolqot relazzjoni kuntrattwali li għandu jwieġeb għaliha min naqas li jonoraha. Qal li huwa personalment qatt ma seta' jitqies li żbalja f'xi applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, għaliex huwa ma seta' qatt jieħu fuqu l-obbligu li jagħmel applikazzjoni bħal din. Qal li l-mument li Spiteri aċċetta l-inkarigu u aċċetta l-flus, dan kien qiegħed jaċċetta l-kundizzjonijiet, speċjalment meta ġie ppruvat li mhux talli kien jaf bl-iskrittura, talli kien hu stess li ssuġġerixxa t-termini tal-ftehim bejn il-partijiet. L-appellant qal li Spiteri mhux talli rrikonoxxa li l-ftehim kien applikabbli fil-konfront tiegħu, talli kkonferma li rċieva l-flus oriġinarjament, u żamm għalih €1,800 bħala dak dovut lilu skont il-ftehim. Żied jgħid li għalhekk kien hemm ammissjoni da parti ta' Spiteri li ħa somma għall-inkarigu riżultanti mill-kuntratt, fejn huwa kien terz. Qal li dan ifisser li Spiteri pprova jeżegwixxi l-obbligazzjoni, żamm il-flus tagħha, u wara waħħal fl-appellant li ma rnexxilux jagħmilha. Qal li huwa personalment ma

kellu l-ebda interess li jiftiehem dwar il-kundizzjonijiet minn rajh, u huwa mhux involut fil-qasam tal-ippjanar, u ma jafx permess kemm idum biex joħroġ. Qal li huwa kontrosens li jingħad li Spiteri mhux marbut ma' dak li ftiehem dwaru Spagnol, iżda fl-istess ħin jiġi ammess li Spiteri ħa l-flus proprju abbażi ta' dan il-ftehim, għaliex dan ikun ikun ifisser li Spiteri jgawdi biss u ma jieħu l-ebda obbligu fuqu. Dan ikun ifisser rapport kuntrattwali unilaterali mingħajr ebda termini u obbligazzjonijiet. Qal li Spiteri rċieva l-flus, u min-naħa tiegħu qatt ma qal li ma kienx obbligat bit-termini tal-ftehim. Qal li jekk f'din ir-relazzjoni kuntrattwali kollha kien hemm xi ħadd li kiseb xi ħaġa li ma kellux jikseb, dan ċertament li ma kienx l-appellant, li huwa wieħed mill-vittmi tal-għemil qarrieqi ta' Spiteri.

12. L-appellant qal illi jekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta emmnet li Spiteri żamm għalih biss €1,800, irid jiġi spjegat għal liema raġuni ġie deċiż li huwa għandu jħallas ukoll il-€1,800 li żamm għalih Spiteri. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li huwa għandu jħallas lura s-somma kollha mitluba mill-appellat Azzopardi. L-appellant qal li huwa xorta waħda jsostni li din il-Qorti għandha tara jekk Azzopardi għandux iwieġeb għal xi nuqqas li minħabba fih l-imsemmi permess baqa' ma ħariġx, imma fi kwalunkwe każ għal dan għandu jwieġeb Simon Spiteri waħdu u mhux hu wkoll.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

13. L-appellat Kristinu Azzopardi qal li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma. Spjega li huwa kien irabbi l-bhejjem f'razzett, u fil-qrib kellu *agricultural stores,* jew maħżen konsistenti fi tliet ikmamar konnessi,

b'kull kamra jkollha bieb estern, u dawn l-imħażen kienu koperti bil-permessi relattivi. Qal li huwa kiber fl-età u uliedu mhumiex interessati jkomplu x-xogħol tal-biedja, u għalhekk xtaq japplika għal *change of use* ta' dawn l-imħażen minn wieħed agrikolu għal wieħed kummerċjali. Żied jgħid li biex issir applikazzjoni għal dan l-iskop, hemm il-ħtieġa li l-applikazzjoni ssir minn Perit Arkitett, u kien hawn fejn huwa ġie avviċinat minn Spagnol, li qallu li kien imsieħeb mal-Perit Simon Spiteri li ġieli għamel dan ix-xogħol b'suċċess għal terzi. Qal li fit-12 ta' Frar, 2018 ġiet iffirmata l-iskrittura li kienet imħejjija minn Spagnol, u huwa ħallas €7,000 lil Spagnol. Qal ukoll li Spagnol talbu jħalli isem il-*payee* vojt, u sussegwentement irriżulta li fuq iċ-*cheque* tniżżel isem Simon Spiteri, u ċ-*cheque* issarraf minnu. Qal li l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet kienet tispeċifika li l-ħlas qiegħed isir lil Spagnol u lil Spiteri minn Azzopardi sabiex dawn jagħmlu l-proċedura taċ-*change of use* mal-Awtorità tal-Ippjanar fi żmien sena u nofs mid-data tal-iffirmar tal-ftehim, u fin-nuqqas il-flus kollha, €7,000, kellhom jitħallsu lura lil Azzopardi. Qal li dan iċ-*change of use* la jfisser demolizzjoni u lanqas kostruzzjoni ta' struttura, u jinvolvi l-mili ta' applikazzjoni b'*site plan,* pjanta tal-bini eżistenti, ritratt tal-binja u l-mili ta' ċerti dettalji dwar il-bini eżistenti, liema xogħol jinvolvi aċċess fuq is-sit ta' bejn siegħa u sagħtejn, u massimu ta' ġurnata xogħol biex issir il-pjanta tal-bini eżistenti u l-mili tal-applikazzjoni. Qal li wara rriżulta li Simon Spiteri ma kien perit xejn, u li dan allura kellu jinkariga lill-Perit Giorgio Schembri biex jiffirma l-applikazzjoni relattiva. Qal li t-terminu ta' sena u nofs miftiehem fl-iskrittura, kellu jiskadi fit-12 t'Awwissu, 2019, imma mid-dokumenti esebiti, jirriżulta li l-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni relattiva ġew ippreżentati lill-Awtorità tal-Ippjanar wara li kien għalaq it-terminu ta' sena u nofs. Qal li kien għalhekk li huwa ntavola kawża

għar-restituzzjoni tas-somma ta' €7,000 skont il-ftehim. Qal li Spiteri żamm €1,800 tax-xogħol tiegħu, u rritorna lil Spagnol l-ammont ta' €4,200, filwaqt li hemm €1,000 li ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni dwar fejn marru. Qal li fil-5 ta' Settembru, 2019 huwa rċieva kont mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-ħlas ta' €5,665 bħala *Development Permit Fee* u *Environment Fee.* Qal li huwa ma ħallasx dan l-ammont billi dan il-kont kellu jitħallas mis-somma ta' €7,000 li huwa għadda lill-appellant. L-appellat qal illi li kieku kollox sar skont il-ftehim, mis-€7,000 kienet titħallas is-somma ta' €5,665, u kien jifdal bilanċ ta' €1,335 bħala drittijiet professjonali għal massimu ta' ġurnata u nofs xogħol.

14. L-appellat qal li l-aggravju tal-appellant essenzjalment huwa li t-talba tal-appellat kellha tintlaqa' biss fil-konfront tal-imsejjaħ fil-kawża, u tiġi miċħuda fil-konfront tal-appellant, u dan billi l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qagħdet fuq il-verżjoni ta' Spiteri u ma emmnitx il-verżjoni tiegħu. L-appellat qal li l-iskrittura esebita, li kienet tifforma l-bażi tat-talba tiegħu, ġiet iffirmata mill-appellant Spagnol, fejn iddikjara li rċieva s-somma ta' €7,000, u obbliga ruħhu li jwettaq is-servizzi indikati f'terminu li huwa stess stabbilixxa, u obbliga ruħhu li jirrifondi din is-somma lill-appellat jekk il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar ma jkunx inħareġ entro tali terminu. Qal li l-Ewwel Qorti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha li r-relazzjoni ġuridika kienet naxxenti mill-iskrittura li kienet iffirmata esklussivament mill-appellat Azzopardi u mill-appellant Spagnol. Żied jgħid li min-naħa tiegħu huwa ma jistax jistabbilixxi jekk l-appellant ġiex ingannat minn Spiteri, jew jekk kienx kompliċi miegħu fit-teħid tas-€7,000. Qal li huwa diffiċli jemmen li l-appellant kien qiegħed jipprovdi servizzi ma' persuna li huwa kien jidentifika bħala 'perit', meta din il-persuna ma kienet perit xejn, u kien hemm il-ħtieġa li jiġi ingaġġat terz li għandu l-professjoni ta' perit, sabiex

jagħmlu din l-applikazzjoni. L-appellat qal li b'hekk daħlu tliet persuni fix-xena, u kull wieħed minnhom ippretenda ħlas għall-involviment tiegħu. L-appellat qal li l-kjamat fil-kawża Spiteri xehed li huwa żamm €1,800 drittijiet tiegħu u rrifonda lill-appellant is-somma ta' €4,200, filwaqt li l-appellant baqa' jinsisti li huwa ma rċieva l-ebda rifużjoni. Qal li kien ferm diffiċli għall-Ewwel Qorti tagħżel waħda minn żewġ verżjonijiet konfliġġenti, li t-tnejn ma kinux kredibbli, iżda dak li jaf huwa li ħallas €7,000 bil-garanzija li fi żmien tmintax-il xahar ikollu l-permess, iżda fil-fatt huwa baqa' mingħajr il-permess u mingħajr il-flus.

15. L-appellat qal li t-talba tiegħu għar-rifużjoni ta' €7,000 hija ġusta u timmerita li tiġi milqugħa, u huwa qiegħed joġġezzjona għall-mod kif l-appellant imposta t-talbiet tiegħu fir-rikors tal-appell imressaq minnu. Qal li r-rifużjoni tas-€7,000 m'għandhiex issir biss mill-kjamat fil-kawża, għaliex l-obbligazzjonijiet li jemanu mill-iskrittura assumihom l-appellant Spagnol, u għalhekk dan qatt ma jista' jinħeles kompletament. Żied jgħid li fi kwalsiasi każ Spagnol għandu dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-kjamat fil-kawża, iżda din hija kwistjoni estranea għalih, u huwa jaf biss li hemm bilanċ ta' €5,200 li ma ntużawx, u li qegħdin jinżammu minn xi ħadd illegalment u abbużivament. Qal li huwa għalhekk li s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti, iżda jekk din il-Qorti jidhrilha li għandha tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, tali riforma għandha tkun biss fis-sens li kull ammont, anki jekk jiġi spartit, għandu jkun dovut *in solidum* mill-appellant Spagnol u mill-kjamat filkawża Spiteri.

**<u>Ir-Risposta tal-kjamat fil-kawża Simon Spiteri</u>**

16. Il-kjamat fil-kawża, fir-risposta tiegħu qal li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma, u l-aggravju mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Qal li huwa qatt ma ta mandat lil Spagnol sabiex jaġixxi f'ismu jew għan-nom tiegħu, u kien l-appellant waħdu li nnegozja u ftiehem il-kundizzjonijiet mal-appellat, u ntrabat li jirrifondi lill-appellat is-somma intiera mħallsa minnu fin-nuqqas li jiġi osservat it-terminu stabbilit. Qal li mill-provi għandu jirriżulta b'mod ċar li kien l-appellant u mhux hu li talab is-somma ta' €7,000, u l-appellat ma kienx infurmat li d-dritt ta' Spiteri waħdu kien jammonta għal €5,800. Qal li minkejja li l-appellat tassew għadda lil Spiteri dan l-ammont fl-intier tiegħu, dan l-ammont kien maħsub biex ikopri mhux biss id-dritt dovut lil Spiteri fuq l-applikazzjoni tal-appellat, iżda anki d-dritt dovut lilu in konnessjoni ma' applikazzjonijiet ta' terzi. Qal li għalhekk huwa ċar li l-aġir tal-appellant huwa kważi kriminali, billi ta x'jifhem lill-appellat li kien ser jipproċedi b'mod partikolari, meta dan kien kollu *messa in scena*.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Il-Qorti kkonsidrat l-atti fl-intier tagħhom, sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-aggravju sollevat mill-appellant, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti tevalwa l-provi u r-riżultanzi tal-Ewwel Qorti mill-ġdid, hekk kif huwa ħassu aggravat bil-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti, jiġifieri li għandu jkun l-appellant li jħallas l-ammont ta' sebat elef Euro (€7,000) lura lill-appellat. Il-kwistjoni odjerna ddur madwar skrittura

privata bejn l-appellat Kristinu Azzopardi u l-appellant Emanuel Spagnol fit-12 ta’ Frar, 2018, fejn l-appellant assuma l-obbligu li jikseb permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għal *change of use* fir-rigward ta’ tliet *agricultural stores* tal-appellat minn użu agrikolu għal użu kummerċjali. Skont dan il-ftehim tali permess kellu jinkiseb fi żmien sena u nofs, u jekk dan ma jseħħx, l-appellant kellu jirrifondi l-ammont kollu mħallas mill-appellat fuq dan il-ftehim, total ta’ sebat elef Euro (€7,000). Jirriżulta li l-permess relattiv mill-Awtorità tal-Ippjanar ma inħariġx fit-terminu miftiehem bejn il-partijiet, u għalhekk l-appellat istitwixxa proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti biex jirkupra flusu lura. Mill-provi rriżulta wkoll li l-appellant m’għandux il-kompetenza professjonali meħtieġa sabiex ikun jista’ jagħmel applikazzjonijiet u sottomissjonijiet quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, u għal dan il-għan inkariga lill-imsejjaħ fil-kawża Simon Spiteri, għaliex l-appellant kien taħt l-impressjoni li Spiteri huwa perit. Huwa evidenti, minn dak li jirriżulta mill-provi, li din ma kinitx l-ewwel biċċa xogħol li l-appellant għadda lil Spiteri, tant hu hekk li l-appellat Kristinu Azzopardi xehed li l-ewwel darba li ltaqa’ ma’ Spagnol dan infurmah li kien ser jinkariga lil Spiteri, għaliex dan ġieli għamel l-istess tip ta’ xogħol għal terzi persuni. Għalkemm l-appellat Azzopardi kien jaf li kien ser ikun hemm terza persuna involuta, jirriżulta li l-ftehim permezz tal-imsemmija skrittura privata li fuqha hija msejsa l-kawża odjerna, kien milħuq minn Azzopardi u Spagnol biss. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-appellat Azzopardi ma kienx jaf li Spiteri kellu jqabbad lill-Perit Giorgio Schembri biex jippreżenta l-applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, għaliex Spiteri mhuwiex perit u ma jistax jagħmel ċertu xogħol.

18. L-appellant qal li ħassu aggravat bis-sentenza appellata għaliex l-involviment tiegħu f’din il-kwistjoni kollha kien limitat għall-ġbir ta’ flus li huwa

għadda lil Simon Spiteri, li min-naħa tiegħu kellu jieħu ħsieb iressaq l-applikazzjoni għal *change of use* quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. L-appellant qal li fl-iskrittura privata tat-12 ta' Frar, 2018 ma hemm xejn x'jindika li fis-somma li huwa ġabar mingħand l-appellat, kien hemm inklużi ħlasijiet li kellhom isiru lill-Awtorità tal-Ippjanar, u fi kwalunkwe każ kien ferm diffiċli għalih li jiddetermina kemm kienu dawn il-ħlasijiet qabel ma tiġi sottomessa l-applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. Mill-provi jirriżulta li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet qiegħda titlob il-ħlas ta' €5,665 bħala *Development Permit Fee* u *Environment Fee*, imma mhuwiex ċar is-sebat elef Euro (€7,000) mħallsa mill-appellat lill-appellant x'kienu jkopru eżattament. Il-Qorti tqis li huwa verosimili li s-sebat elef Euro (€7,000) mħallsa mill-appellat kienu maħsuba li jkopru kemm il-ħlasijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar kif ukoll id-dritt professjonali tal-perit, tenut kont li mis-sebat elef Euro (€7,000) mħallsa, kien hemm bilanċ ta' elf, tliet mija u ħamsa u tletin Euro €1,335 li preżumibbilment kellhom ikopru d-dritt tal-perit li kellu jippreżenta l-applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. Filwaqt li l-appellant jgħid li l-ħlasijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar ma jistgħux jiġu determinati minn qabel, mill-provi jirriżulta li din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant għadda dan it-tip ta' xogħol lil Spiteri, tant hu hekk il-ħlas li sar lil Spiteri fl-ammont ta' €5,800 kien ikopri wkoll ħlasijiet li saru minn terzi għal xogħol differenti li ġie imqabbad jagħmel Spiteri permezz ta' Spagnol, u għalhekk dan tal-aħħar kien jaf, jew messu kien jaf, l-ammont ta' flus li talab lill-appellat biex iħallas għal xiex eżattament kien qiegħed jintalab. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li għal applikazzjoni ta' *change of use* minn maħżen agrikolu għal maħżen kummerċjali, id-dritt tal-perit waħdu jlaħħaq sebat elef Euro (€7,000),

u fi kwalunkwe każ, l-appellant naqas milli jgħid jekk minn dan l-ammont kienx hemm xi ħlas għas-servizzi tiegħu.

19. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra jekk l-appellat għandux xi tort għalfejn il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar baqa' ma ħariġx. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li l-kwistjoni dwar għalfejn il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar baqa' ma ħariġx, ma tiffurmax parti mill-mertu ta' dan l-appell. L-attur istitwixxa l-proċeduri odjerni għaliex huwa ħallas somma flus bl-iskop li jinħariġlu permess mill-Awtorità tal-Ippjanar fi żmien tmintax-il xahar, imma f'għeluq dan it-terminu huwa baqa' mingħajr l-imsemmi permess, u għalhekk ippretenda li l-flus li kien ħareġ jintraddu lura lilu. Fuq l-imsemmija skrittura kienu dehru biss l-appellat Azzopardi u l-appellant Spagnol. L-appellant jgħid li huwa ma kienx jaf li Simon Spiteri ma kienx perit kwalifikat, u li dan min-naħa tiegħu kellu jqabbad persuna kwalifikata għal dan ix-xogħol. L-appellant jgħid li huwa serva biss bħala interlokutur fir-relazzjoni bejn Azzopardi u Spiteri, għaliex il-flus li tħallsu minn Azzopardi fil-fatt huwa għaddiehom lil Simon Spiteri. Fil-fatt jirriżulta li l-isem tal-*payee* li tniżżel fuq iċ-*cheque* maħruġ minn Azzopardi, kien ta' Simon Spiteri, u dan l-isem tniżżel fuq iċ-ċekk mill-appellant innifsu, u ċ-*cheque* issarraf minn Spiteri. Quddiem l-Ewwel Qorti, Spiteri xehed li huwa kien radd lura lill-appellant erbat elef u mitejn Euro (€4,200), u kien żamm għalih elf u tmien mitt Euro (€1,800) bħala dritt għax-xogħol li kien leħaq għamel. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex skont l-Ewwel Qorti, Spiteri kien tah lura s-somma ta' erbat elef u mitejn Euro (€4,200), meta Spiteri ma ġab l-ebda prova ta' dan, u l-oneru ta' din il-prova kien jinkombi fuq Spiteri ladarba kien hu li allega dan.

20. Hawnhekk il-Qorti tirrileva illi l-Ewwel Qorti qieset li l-partijiet kontraenti fuq l-imsemmi ftehim kienu biss l-appellat u l-appellant, u li mill-provi ma jirriżultax li l-appellant kien ingħata xi mandat jew xi awtorizzazzjoni biex jiġbor xi flus jew jaġixxi ta' 'sensar' jew interlokutur bejn Simon Spiteri u terzi persuni. Fi kwalunkwe każ, Azzopardi kien jaf biss lill-appellant, li kien hu li qabel mat-terminu ta' tmintax-il xahar u li kien hu li talab il-ħlas ta' sebat elef Euro (€7,000) mingħand l-appellat. Huwa għal kollox immaterjali jekk Spiteri kienx jaf b'dan il-ftehim jew le, jew kienx huwa li ddetta t-termini ta' dan il-ftehim. Iċ-*cheque* bil-ħlas mitlub mill-appellant, Azzopardi għaddieh lill-appellant, u għalhekk kellu raġun Azzopardi jiftaħ proċeduri kontra l-appellant u jippretendi rifużjoni mingħandu tal-flus li kien tah. Huwa għal kollox immaterjali wkoll jekk Spiteri raddx lura l-ammont kollu li allegatament irċieva mingħand Spagnol jew parti minnu. L-appellat fetaħ il-proċeduri odjerni kontra l-appellant għaliex ġustament qiegħed jippretendi li dan iroddlu l-flus li huwa kien ħareġ, ladarba dak li kien imwiegħed ma mmaterjalizzax ruħu. Kien l-appellant li obbliga ruħu bit-termini tal-imsemmija skrittura privata, u għalhekk huwa l-appellant li jrid jagħmel tajjeb għal dak pretiż mill-appellat. Huwa minnu li l-appellant għandu, jekk irid, rimedju separat fil-konfront tal-imsejjaħ fil-kawża jekk iħoss li ġie ingannat jew li għandu jedd jirkupra xi flus mingħand Spiteri, iżda dak ir-rimedju ma jiffurmax parti mill-vertenza odjerna. Fl-imsemmija skrittura privata, li tifforma l-bażi ta' din l-azzjoni, kien l-appellant li obbliga ruħhu li jippresta s-servizz li talab l-appellat, f'termini li ġew stabbiliti u maqbula minnu stess, u kien l-appellant li intrabat li jirrifondi din is-somma jekk il-permess in kwistjoni jibqa' ma joħroġx entro t-terminu miftiehem bejn il-partijiet. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li kienet korretta l-Ewwel Qorti li kkonkludiet li l-ammont kollu li

tħallas mill-appellat Azzopardi għandu jintradd lura lilu mill-appellant Spagnol. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-aggravju mressaq mill-appellant, u qiegħda tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Filwaqt li l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**